# WERREJ


Bin il-Kaċċatur u l-Ġolfu ..................................9
Ħullulu u Dullula ........................................ 15
Il-Bagħal l-Iswed.........................................28
Il-Festa tax-Xjaten ...................................... 31
Il-Ġgant li kien jgħix fuq il-Muntanja ............36
Il-Leġġenda ta' Kalipso..................................44
Il-Leġġenda tal-Fjuri.......................................50
Il-Mara li ma kellhiex Ulied............................57
Il-Qattus Żaqqieq ...........................................61
Ir-Raġel Barrani u s-Sitt Tfajliet
bil-Bżieżaq f'Xagħarhom................................70
Ir-Raġel li Ferraq lis-Sriep ..............................77
Is-Saħħara Maġenb il-Bir................................ 81
It-Tfajjel Mibdul fi Fjura ................................88
It-Tfajla li Tnisslet minn Qargħa Ħamra........92
It-Tfajla tal-Wied......................................... 101
Ivan, l-Għasfur li jleqq u l-Lupu Griż........... 109

Ix-Xemx u l-Qamar ........................................ 133
Iż-Żraben Ħomor ........................................ 137
Kif ir-Raħħala xtraw l-Għerf ........................ 149
Kważimodo l-Ħotbi ...................................... 157
L-Għasfur-Poeta ........................................... 164
L-Irħama s-Sewda ......................................... 171
Is-Sultana s-Sewda ....................................... 183

# BIN IL-KAĊĊATUR U L-ĠOLFU

*Adattata minn ħrafa qadima Maltija li Patri Manwel Magri kien ġabar minn Ħal Tarxien*

In-nanniet jirrakkuntaw li darba minnhom, bosta żmien ilu, f'Malta kien jgħammar Sultan f'Palazz kbir imdawwar b'ħafna ġonna u siġar taż-żebbuġ. Dan is-Sultan kien iħobb 'l-għasafar, u l-ġnien li jmiss mal-Palazz kien mimli b'tajr ta' kull lewn, minn iswed faħma sa aħdar smerald.

Ġara illi, lejn dawk l-inħawi, bdiet tidher iżżiġġ fl-arja tajra mhux tas-soltu. Din bdiet tagħmel ħsejjes li jtarrxu bi ġwenħajha miftuħin u b'saħħithom.

In-nies ta' l-inħawi, magħdud is-Sultan, bdew jistaqsu bejniethom x'għamla ta' għasfur kien dak.

"Fuq dal-gżejjer qatt ma niftakar jittajjar għasfur bħal dak," kienet qed tgħid waħda mara lil seħbitha fuq l-għatba tad-dar. Dak il-ħin kien għaddej raġel xwejjaħ, jitwieżen fuq bastun qadim, "Jekk ma niżbaljax, dik it-tajra jgħidulha Ġolfu."

"Dal-Ġolfu x'inhu, xwejjaħ?" staqsewh in-nisa.

"Tajra qalila," wieġeb l-ieħor. "Jekk ifettlilha, bil-lejl taf toħroġ teqred it-tajr u għandha setgħa tal-għaġeb fuq il-bnedmin."

"Mela x'tagħmel, nann, x'waħda din?" reġgħet waħda min-nisa.

Iżda x-xwejjaħ kien ġa qabad triqtu mill-ġdid għal għonq it-triq.

Dak il-lejl stess, il-Ġolfu niżel bħal vleġġa fil-ġonna tas-Sultan u qatel seba' għasafar mill-isbaħ. L-għada reġa' qatel u kiel sebgħa oħra u l-pitgħada l-istess.

Is-Sultan qabdu ferħ ta' ġenn u amar lis-suldati tiegħu jgħassu lejl u nhar biex jaqbdu l-Ġolfu u joqtluh. Iżda, ħaġa ta' l-għaġeb,

kulmin imur għall-Ġolfu ma kienx jerġa' lura: kulmin joħodha mat-tajra qerrieda kien isir statwa tal-ġebel.

Il-ġonna tas-Sultan kienu tnaqqru sewwa mill-għasafar sbieħ li kellu, sakemm darba minnhom qalulu li kien hemm kaċċatur jimmira hekk tajjeb li żgur jeqred lill-Ġolfu.

"Mel'ibagħtu għalih! X'intom tistennew?" għajjat is-Sultan.

Kien kaċċatur tajjeb tabilħaqq. Kien joqgħod f'għorfa fqajra ma' martu u ibnu u meta s-suldati ħabbtulu l-bieb u qalulu bix-xewqa tas-Sultan, il-kaċċatur ma ħasibhiex darbtejn u telaq għat-tajra. Ġralu bħall-oħrajn ta' qablu u sar statwa tal-ġebel.

Martu bkiet fuq li bkiet, iżda lil binha ma qaltlux bix-xorti li messet lil missieru u bdiet tpasparlu li siefer f'art imbiegħda u li xi darba għad jerġa' lura.

Għaddew is-snin, u l-Ġolfu baqa' joqtol l-għasafar kollha li jara b'għajnejh u saħansitra kien beda jeqred lit-tiġieġ u lis-sriedaq.



Bin il-kaċċatur kiber f'żagħżugħ smajjar u b'saħħtu u meta sema' bil-ġrajja tal-Ġolfu, ried imur joqtlu. Kien kollu għalxejn il-biki ta' ommu u t-talb li raħħmitlu. Qabad l-ixkubetta u mar għand is-Sultan. Issa, fil-Palazz kien hemm qaddej kiefer u makakk, li darba minnhom kellu xi jgħid ma' missier it-tifel, u meta ra lit-tifel dieħel mill-bieb ta' barra feraħ tgħidx kemm! "Il-Ġolfu żgur jagħmlu statwa tal-ġebel lil dan l-għafrid, u jispiċċa bħalma spiċċa missieru," feraħ bejnu u bejn ruħu.

Is-suldati daħħlu lil bin il-kaċċatur quddiem is-Sultan.

"Jien lest li neqred lill-Ġolfu darba għal dejjem," beda ż-żagħżugħ, "iżda jeħtieġ twegħidni li taħseb f'ommi, li hi mara twajba u fqira, u lili tagħtini ħamsin biċċa tad-deheb."

"Tieħu ħsieb xejn," tenna s-Sultan, "għandek il-kelma tiegħi."

Bin il-kaċċatur xedd fuqu għata minsuġ bil-weraq tat-tin u ntasab maġenb siġra tal-bajtar jistenna lill-Ġolfu. Ma damx ma sema'

l-ġwienaħ tal-Ġolfu jħabbtu fl-arja. Ħa l-mira u ma' l-ewwel tir naxar lill-għasfur ma' l-art. Imbagħad qabad lill-Ġolfu minn saqajh u ħadu għand is-Sultan.

Dak feraħ tgħidx kemm u beda jgħannaq lit-tifel tal-kaċċatur kemm jiflaħ. Iżda l-ġrajja ma ntemmitx hemmhekk. Fit-toroq, in-nies bdiet tgħajjat kemm tiflaħ b'għaġeb liema bħalu u xi ħadd tela' jdoqq il-qniepen tal-knisja b'kemm kellu saħħa.

"X'qiegħed jiġri hemm barra?" staqsa mifxul is-Sultan.

"Ja Sidi," daħal jgħajjat b'garġi daqsiex wieħed mill-ministri tal-Palazz. "Ja Sidi, l-irġiel li kienu saru statwi tal-ġebel reġgħu ħadu l-ħajja u qegħdin jimxu u jitkellmu bħallikieku qatt ma kien xejn!"

M'għandniex xi ngħidu, ma' dawk l-irġiel kien hemm ukoll missier iż-żagħżugħ li qatel lill-Ġolfu.